MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
### MAGISTRAT DR.
### NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Numru. 1083/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs.**

**Antoine Monsigneur**
**Ramona Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

**Antoine Monsigneur**, ta' erbghin (40) sena, iben Joseph u Josephine neé Bugeja, imwieled Pietà nhar it-12 ta' Jannar 1971 u residenti no. 279, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 49071(M)

u

**Ramona Vassallo** ta' erbghin (40) sena, bint Christino Vassallo u Pia Maria neé Bartolo, imwielda Attard nhar il-5 ta' Settembru 1971 u residenti no. 279, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, detentrici tal-Karta tal-Identita bin-Numru 413371(M)

akkuzati talli gewwa l-Hamrun nhar it-23 ta' Settembru 2011, ghall-habta tas-7:00 ta' filghaxija:

1. ikkommettew serq ta' aktar minn elf Euro (€ 1,000) fi flus kontanti u *mobile phone* tal-ghamla Samsung minn gewwa fond 'St. Joseph', Triq Stocia, Hamrun, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-lok u bil-valur li jeccedi mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda li ma jeccedix elfejn, tlitt mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Rowena Garcia u/jew persuni ohra;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra u cioé kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-pseruna ta' l-imsemmija Rowena Garcia hekk kif iccertifikat Dottoressa Valeria Vella Catalano M.D. (Reg. No. 1931 tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana);

3. fl-istess data, hin u lok, bla ordni skont il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil imsemmija Rowena Garcia kontra l-volonta' taghha;

**Lil-Antoine Monsigneur wahdu talli**:

4. kiser il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magistrat Dott. Jacqueline Padovani Grima LL.D. datata 12 ta' Dicembru 2008;

5. irrenda ruhu recediv *ai termini* tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

6. Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta lil imputat Antoine Monsigneur talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Audrey Demicoli LL.D. fit-8 ta' April 2011, f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' tlitt'elef Euro (€ 3,000).

   Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Antoine Monsigneur u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' tlitt'elef Euro (€ 3,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Lill-Ramona Vassallo wahida talli</u>**:

7. irrendiet ruha recediva *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

8. kissret il-provediment ta' sentenza ta' tlett (3) xhur prigunerija sospiza ghal-sentejn moghtija lilha fit-18 ta'

Marzu 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Saviour Demicoli LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 321) datata 19 ta' Novembru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

**<u>Fil-konfront taz-zewg imputati:</u>**

(a) fl-Artikoli 261(a)(c)(e), 262(1)(a), 267, 269, 274(c), 275, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 86 u 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Fil-konfront ta' Antoine Monsigneur wahdu:</u>**

(e) fl-Artikoli 7, 21, 23, u 24 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**<u>Fil-konfront ta' Ramona Vassallo wahedha:</u>**

(h) fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) fl-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-15 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 325), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-19 ta'

Novembru 2012, f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputati ghazlu li ma jixhdux u li ma ressqu ebda provi.

Semghet is-sottomisjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jinghad li f'din il-parti tad-decizjoni ser issir riferenza biss ghax-xiehda saljenti mismugha mill-Qorti.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Anthony Portelli** (*a fol.* 46 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu. Ta' min jinnota li meta fix-xiehda tieghu l-Ufficjal Prosekutur ikun qed jaghmel riferenza ghall-imputat Antoine Monsigneur kontinwament jaghmel riferenza ghal David Monsigneur. Ir-raguni ghal dan huwa li mill-atti processwali jirrizulta li minkejja li isem l-imputat huwa dak ta' "Antoine" huwa maghruf bl-isem ta' "David".[1]

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011, xehed ukoll **PS 1195 Conrad Debattista** (*a fol.* 94 *et seq.*) fejn qal li in segwitu ta'

[1] *Vide* Dok. "AP 4" (*a fol.* 86) u Dok. "AP 9" (*a fol.* 92).

rapport tat-23 ta' Settembru 2011 sab lil certu Rowena Garcia panikjata u b'xi griehi fuq wiccha u li kienet qaltlu li kienet giet aggredita f'darha. Jghid li Garcia qaltlu li z-zewg imputati marru f'darha u li l-imputat qalilha li kien ser jehdoliha l-flus u li beda jaqbadha minn spallejha u jaghfas fuqha. Jghid li qaltlu wkoll li l-imputat fetah il-*handbag* taghha u hadilha l-flus u li fih kellha madwar elf Euro. Jispjega li n-nies li kien hemm barra l-post fen toqghod Garcia kkonfermawlu li kienu raw ragel u mara u tawh spjegazzjoni taghhom. Ix-xhud ipprezenta l-okkorrenza tieghu li giet mmarkata bhala Dok. "CD 1" (*a fol.* 102 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2011, xehdet **Rowena Garcia** (*a fol.* 111 *et seq.*) li minkejja li l-Qorti wissietha li setghet ma tirrispondiex ghad-domandi li kienu ser isirulha peress li setghet tinkrimina ruhha, ghazlet xorta wahda li tixhed. Tispjega kif l-imputat u t-tfajlu tieghu (iz-zewg imputati) marru d-dar taghha. Tixhed li l-imputat jaf lil gharus taghha Francois Ellul u li l-imputat gie li dahal id-dar taghhom. Tispjega li lill-imputata qatt ma kellmitha. Tghid li l-imputat qalilha biex taghtih kollox. Tghid li hadulha l-*handbag* u l-*pouch* li kellha fih. Tispjega li l-*pouch* spicca f'id l-imputat u l-*handbag* f'id l-imputata. Tghid li l-*handbag* irrnexxielha tiehdu lura u li l-*pouch*, wara li haditu, kellha taghtih lura lill-imputat ghax beda jipprova jghallaqha. Tghid li fil-*pouch* kellha tmien mija Euro. Tixhed li l-gara taghha certu Donatella rat kollox u anke rat lill-imputat jimbuttaha u rat il-*pouch* jaqa' u li anke garat il-*pouch* lill-imputat. Filwaqt li qalet li ma setghetx timxi, qalet ukoll li sofriet il-griehi li jidhru f'ritratti li jiffurmaw parti minn Dok. "AP 1" (*a fol.* 65 *et seq.*). Tispjega li l-grif ma' ghonqha ghamlithomlha l-imputata u li l-imputat taha bil-ponn. Mistoqsija tghid x'insterqilha, tghid tmien mitt Euro fil-*pouch* u mitejn u hamsin Euro mill-*handbag.* Tispjega li kellha dawn il-flus fuqha peress li l-ghada kellha thallas il-kera u l-kont tad-

dawl. Tixhed li fl-istess gurnata kien insterqilha l-*portmoney* minn taht idha

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-gharus taghha Francois Ellul ma jahdimx u li kellu xi kawzi tad-drogi. Tghid li gie li rat lil gharus taghha jkellem lill-imputat. Tixhed li dakinhar tal-akkadut l-imputat kien diga mar ghandha u staqsa x'kien gralu l-gharus taghha.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2011, xehed **Dr. Valerio Vella Catalano** (*a fol.* 171 *et seq.*) li kkonferma c-certifikat mediku rilaxxat minnu (Dok. "AP 10" – *a fol.* 125). Il-griehi sofferti minn Garcia gew klassifikati bhala *"slight save complications"*.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, xehed **Edward Migneco** (*a fol.* 285 *et seq.*) u spjega li dakinhar tal-akkadut mar biex johrog il-vettura mill-*garage*, ra li kien hemm glieda bejn ragel u mara, u mar biex iferraqhom. Ikkonferma li l-mara kienet dik li tidher f'ritratt Dok. "AP 1" (*a fol.* 65 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi Garcia taghti spjegazzjoni ta' dak li gara lilha dakinhar tat-23 ta' Settembru 2011. Hija tispjega dak li ghamlulha z-zewg imputati fil-kawza odjerna. Da parti taghhom, iz-zewg imputati ghazlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri, kif *del resto* huwa dritt taghhom. Minn qari tal-istqarrijiet rilaxxati minnhom, liema stqarrijiet ittiehdu wara li z-zewg imputati

rrifjutaw li jikkonsultaw ruhhom ma' avukat, iz-zewg imputati jichdu dak li tallega Garcia.[2]

Illi l-Qorti tinnota li x-xhud okulari li gie prodott, cioé Edward Migneco, ma kienx ta' ghajnuna partikolari ghall-Qorti u dana *stante* li dan ix-xhud ra biss glieda bejn ragel u mara. Ix-xhud l-ohra li setghet titfa aktar dawl kienet Donatella Camilleri li minkejja li giet imharrka diversi drabi biex taghti d-depozizzjoni taghha baqghet ma xehditx.[3] Il-Qorti tinnota li meta Dr. Ethel Felice giet biex thejji r-rapport taghha (Dok. "EF 1" – *a fol.* 269 *et seq.*) hi hadet l-istqarrija ta' Donatella Camilleri dwar dak li allegatament gara dakinhar tat-23 ta' Settembru 2011. Il-Qorti sejra tiskarta tali depozizzjoni *stante* li Dr. Felice ma kienitx inkarigata tiehu tali depozizzjoni dwar dak li gara fit-23 ta' Settembru 2011 pero kienet inkarigata biss li tezamina lill-istess Donatella Camilleri u tirraporta dwar il-kondizzjoni taghha.[4]

Illi riferenza sejra ssir ghad-decizjoni moghtija fil-31 ta' Ottubru 2013 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artiklu 638 (2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artiklu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel

---

[2] *Vide* stqarrija Dok. "AP 6" (*a fol.* 88 *et seq.*), stqarrija Dok. "AP 7" (*a fol.* 90 *et seq.*), stqarrija Dok. "AP 8" (*a fol.* 91 *et seq.*), stqarrija Dok. "AP 9" (*a fol.* 92 *et seq.*), dikjarazzjoni Dok. "AP 4" (*a fol.* 86) u dikjarazzjoni Dok. "AP 5" (*a fol.* 87).

[3] *Vide* xiehda ta' Dr. Ethel Felice moghtija fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 267) u rapport taghha mmarkat bhala Dok. "EF 1" (*a fol.* 269 *et seq.*).

[4] *Vide* digriet datat 31 ta' Ottubru 2011 (*a fol.* 142).

> prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artiklu 637 tal-Kapitolu 9".

Illi ma hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Mazzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** – Vol. III Kap. IV – pg. 234 – Ediz. 1890:

> *"Il cosi detto onero della prova cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui asserit".*

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrijiet rilaxxati minnhom l-imputati jallegaw diversi affarijiet fil-konfront ta' Garcia u minkejja li fis-sottomissjonijiet finali taghha d-difiza tittenta tpingi lil Garcia bhala xi persuna li cappset subajghha mal-ligi b'mod kontinwu u tittenta tattakka l-kredibilita' taghha, jirrizulta li dawn huma biss allegazzjonijiet. Minn harsa lejn il-fedina penali ta' Garcia (Dok. "AP 13" – *a fol.* 150) jirrizulta li Garcia kisret subghajha mal-ligi darba wahda biss.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li jirrikjedi li jsir *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u serenament tasal ghal konkluzjoni illi x-xiehda moghtija minn Garcia fir-rigward ta' dak li gie maghmul lilha miz-zewg imputati hija kredibbli u veritjiera u b'hekk ghandha titwemmen. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat dak li jirrizulta mill-atti processwali, il-komportament ta' Garcia fuq il-pedana tax-xhud u dak li hija xehdet, inkluz ir-ritratti tal-griehi sofferti minn Garcia (Dok. "AP 1" – *a fol.* 65 *et seq.*).

**<u>Imputazzjonijiet mmarkati bin-numri "1" sa "3"</u>**:

Illi z-zewg imputati jinsabu akkuzati taht dawn l-imputazzjonijiet bis-segwenti: (a) b'serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-lok u bil-valur fil-konfront ta' Garcia, (b) li kkagunaw feriti ta' natura hafifa fil-konfront ta' Garcia u (c) li ssekwestraw lill-istess Garcia kontra l-volonta' taghha.

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li ma jirrizulta bl-ebda mod li l-imputati ssekwestraw lil Garcia kontra l-volonta' taghha u ghaldaqstant l-imputati ser jigu liberati minn din l-imputazzjoni. Fir-rigward tal-feriti ta' natura hafifa, jirrizulta li dawn saru mill-imputati fil-konfront ta' Garcia. Di fatti, Dr. Valerio Vella Catalano, li ezamina lil Garcia, ikkonferma dan fic-certifikat rilaxxat minnu (Dok. "AP 10" – *a fol.* 125) u kif ukoll fid-depozizzjoni tieghu (*a fol.* 172). Fir-rigward tas-serq, il-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998 inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"*
>
> (Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di*

> *una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., <u>Trattato di Diritto Penale Italiano</u> (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi tenut kont ta' dan, tenut ta' dak mismugh mill-Qorti u tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li anke l-imputazzjoni li tirrigwarda s-serq giet pruvata. Fir-rigward tal-kwalifiki ta' vjolenza, tal-lok, u tal-valur, il-Qorti, tinnota li filwaqt li l-kwalifika tal-vjolenza u tal-lok gew pruvati, u dana *stante li* s-serq sar flimkien ma' offiza fuq il-persuna ta' Garcia u li sar f'dar, mhux l-istess jista' jinghad rigward tal-kwalifika tal-valur. Ma giex sodisfacentement pruvat il-valur misruq u ghaldaqstant dan l-aggravju ma giex pruvat. Ghaldaqstant, l-imputati, filwaqt li ser jigu misjuba hatja tal-imputazzjonijiet mmarkati bin-numri wiehed (1) (serq kwalifikat bil-vjolenza u bil-lok **<u>biss</u>**) u tnejn (2), ser jigu liberati mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom.

**<u>Imputazzjoni mmarkata bin-numru "4"</u>**:

Illi l-imputat jinsab akkuzat taht din l-imputazzjoni li huwa kiser provediment taht Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-12 ta' Dicembru 2008. Din is-sentenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "AP 12" (*a fol.* 127). Il-Qorti tinnota li l-konnottati tal-imputat Antoine Monsigneur fid-decizjoni ezebita u l-konnotati tal-imputat fil-kawza odjerna huma identici u ghaldaqstant m'hemmx dubju li

l-imputat fid-decizjoni mmarkata Dok. "AP 12" huwa l-istess imputat fil-kawza odjerna. Jirrizulta minn din is-sentenza li l-imputat (flimkien mal-imputat l-iehor fis-sentenza) gew mqieghda taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tlett snin li kellu jiskadi fit-12 ta' Dicembru 2011. Ghaldaqstant, l-imputazzjoni mmarkata bin-numru erbgha (4) giet pruvata.

**<u>Imputazzjoni mmarkata bin-numru "5"</u>**:

Illi l-imputat jinsab akkuzat li huwa recidiv taht Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn harsa lejn il-fedina tal-imputat (*a fol.* 5 *et seq*.) u minn qari lejn is-sentenza li saret riferenza ghaliha fil-paragrafu precedenti, m'hemmx dubju li imputat huwa recediv taht l-Artikoli msemmija.

**<u>Imputazzjoni mmarkata bin-numru "6"</u>**:

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kiser kundizzjonijiet tal-liberta provizorja. Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghall-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati fit-8 ta' April 2011, f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest. Id-digriet f'liema l-imputat inghata l-helsien mill-arrest u fejn hemm imsemmija l-kundizzjoni in kwistjoni gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "AP 14" (*a fol.* 231), li huwa l-istess bhal Dok. "AC 1" (*a fol.* 281). Fis-seduta tat-23 ta' April 2012, l-iSpettur Tony Cachia (*a fol.* 280) identifika lill-imputat bhala l-persuna li fil-konfront tieghu jirrigwardaw il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja in kwistjoni. Tenut kont tal-fatt li l-imputat ser jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet mmarkati bin-numri wiehed u tnejn, m'hemmx dubju ghalhekk li anke l-imputazzjoni mmarkata bin-numru sitta giet sodisfacentement pruvata.

**<u>Imputazzjoni mmarkata bin-numru "7"</u>:**

Illi l-imputata tinsab akkuzata li hija recidiva taht Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn harsa lejn il-fedina tal-imputata (*a fol.* 27 *et seq.*) u minn qari tas-sentenzi mmarkati bhala Dok. "AP 11" (*a fol.* 126 *et seq.*)[5] u Dok. "MSA 1" (*a fol.* 265 *et seq.*)[6], m'hemmx dubju li imputata hija recediva taht l-Artikoli msemmija.

**<u>Imputazzjoni mmarkata bin-numru "8"</u>:**

Illi l-imputata tinsab akkuzata wkoll li kisret il-provediment ta' sentenza sospiza. Giet ezebita sentenza moghtija fit-18 ta' Marzu 2010 u din giet mmarkata bhala Dok. "MSA 1" (*a fol.* 265 *et seq.*)[7]. F'din is-sentenza l-imputata giet kundannata tlett (3) xhur prigunerija li gew sospizi ghal perjodu ta' sentejn. M'hemmx dubju li anke din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taz-zewg imputati gew pruvati ghajr ghall-imputazzjoni mmarkata bin-numru tlieta (3) u l-kwalifika tal-valur li jsir riferenza ghalih fl-imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1).

---

[5] Fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, xehed l-eks Spettur Angelo Caruana u kkonferma li l-imputata f'din is-sentenza hija l-istess imputata fil-kawza odjerna (*a fol.* 283 *et seq.*)

[6] Il-Qorti tinnota li l-konnottati tal-imputata Ramona Vassallo fid-decizjoni ezebita u l-konnotati tal-imputata fil-kawza odjerna huma identici u ghaldaqstant m'hemmx dubju li l-imputata fid-decizjoni mmarkata Dok. "MSA 1" hija l-istess imputata fil-kawza odjerna. *Vide* wkoll depozizzjoni ta' Spettur Maria Stella Attard fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 264).

[7] *Ibid.*

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali taz-zewg imputati[8] minn liema jirrizulta li l-imputati kisru difrjehom mal-ligi diversi drabi, in-natura tar-reati addebitati lilhom u li gew pruvati, b'mod partikolari, fil-kaz tal-imputat Monsigneur, il-fatt li huwa kiser provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-fatt li kiser wahda mill-kundizzjonijiet meta nghata l-liberta' provizorja, u, fil-kaz tal-imputata Vassallo, il-fatt li hija kisret provediment ta' sentenza sospiza. M'hemmx dubju li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront taz-zewg imputati ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva u dana *stante* li l-imputati ma hadux l-opportunita' li gew moghtija lilhom diversi drabi sabiex jirriformaw hajjithom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

- fir-rigward tal-imputat **Antoine Monsigneur,** ma ssibux hati tal-kwalifika tal-valur indikat f'imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) u ma ssibux hati wkoll tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru tlieta (3) u b'hekk tilliberah mill-imsemmija kwalfika u mill-imsemmija imputazzjoni, u wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 19 ta' Novembru 2012 u senjatament Artikoli 49, 50, 214, 215, 221, 261(a), 261(e), 262(1)(a), 269, 289 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Antoine Monsigneur hati tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) [cioé ta' serq kwalifikat bil-vjolenza u bil-lok **biss**] u tal-

[8] *A fol.* 5 *et seq.* u *a fol.* 27 *et seq.*

imputazzjonijiet mmarkati bin-numri tnejn (2), erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6) u filwaqt li, fir-rigward tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru erbgha (4) taghzel li ma titrattax mal-imputat mar-reati li taghhom kien inghata provediment a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra li gew pruvati u li taghhom l-imputat qed jinstab hati tikkundannah ghal perjodu ta' tlitt (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija;

- fir-rigward tal-imputata **Ramona Vassallo,** ma ssibhiex hatja tal-kwalifika tal-valur indikat f'imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) u ma ssibhiex hatja wkoll tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru tlieta (3) u b'hekk tilliberaha mill-imsemmija kwalifika u mill-imsemmija imputazzjoni, u wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 19 ta' Novembru 2012 u senjatament Artikoli 28B, 49, 50, 214, 215, 221, 261(a), 261(e), 262(1)(a), 269 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Ramona Vassallo hatja tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) [cioé ta' serq kwalifikat bil-vjolenza u bil-lok **biss**] u tal-imputazzjonijiet mmarkati bin-numri tnejn (2), seba' (7) u tmienja (8) u filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenza ta' tlitt (3) xhur prigunerija li kienet giet sospiza ghall-sentejn, tikkundannha lill-imputata ghal perijodu iehor ta' tlitt (3) snin prigunerija, biex b'hekk l-imputata tkun giet globalment kundannata ghal perjodu ta' tlitt (3) snin u tlitt (3) xhur prigunerija.

Fir-rigward tal-imputat Antoine Monsigneur, il-Qorti **m'hijiex** ser tordna illi l-garanzija personali ta' tlitt'elef Euro (€ 3000.00) jghaddu favur il-Gvern ta' Malta pero ser tirrevoka l-helsien mill-arrest tieghu u tordna l-arrest mill-gdid tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------